Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,410, 22 ta' Mejju, 2020

Taqsima B

A.L. 212 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2020 dwar Poteri Speċjali tas-Senat f'Ċirkostanzi Straordinarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2020 dwar Poteri Speċjali tas-Senat f'Cirkostanzi Straordinarji.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, il-kliem "ċirkostanzi straordinarji" jirreferu għal kull ġrajja jew ċirkostanza li ma setgħetx tiġi evitata wkoll jekk kellhom jittieħdu passi raġonevoli, bħal m'hi mxijja ta' mard fil-pajjiż jew pandemija jew xi ċirkostanza straordinarja relatata mal-ordni pubbliku meta l-awtoritajiet nazzjonali jirrakkomandaw jew jordnaw miżuri speċifici; u f'kull kaz, meta tali ċirkostanza tkun ta' tfixkiel serju għall-attivitajiet normali ta' l-Università kif determinat mir-Rettur tal-Universita'.

L-Applikabilità

2. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Mejju 2020 'il quddiem.

(2) F'każ ta' kunflitt bejn dawn ir-regolamenti u xi regolamenti oħra, dawn ir-regolamenti għandom jieħdu preċedenza.

Il-Poteri Specjali tas-Senat tal-Università

3. F'ċirkostanzi straordinarji meta l-attivitajiet normali tal-Università jkollhom jieqfu jew ikunu drastikament ristretti minħabba sitwazzjonijiet lil hinn mill-kontroll tal-Università, is-Senat jista' jieħu kull miżura li jidhirlu xierqa biex l-attivitajiet ta' tagħlim u ta' valutazzjoni jkunu mħassra jew postposti jew isiru b'mod differenti minn kif jipprovdu jew jesiġu kwalunkwe regolamenti oħra.

Verżjoni Elettronika

4 . (1) Il-miżuri speċjali għandhom ikunu applikabbli biss għal dawk l-istudenti li jkunu ġew affettwati materjalment u/jew sostanzjalment miċ-ċirkostanzi straordinarji.

(2) Minn żmien għal żmien, is-Senat jiddeċiedi jekk iċ-ċirkostanzi straordinarji għadhomx fis-seħħ għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.